# Ċentru Nazzjonali tat-Tossikoloġija

## MIN AĦNA

Iċ-Ċentru Nazzjonali tat-Tossikoloġija huwa s-servizz nazzjonali li jipprovdi pariri esperti dwar il-prevenzjoni, l-assessjar u l-immaniġġjar tal-avvelenamenti. Nassistu lill-pubbliku u lill-professjonisti tal-kura tas-saħħa b'gwida f'waqtha u bbażata fuq l-evidenza, dwar espożizzjonijiet għal mediċini, kimiċi, prodotti tad-dar, pjanti, u annimali velenużi.

Is-servizz ewlieni tagħna huwa l-helpline Nazzjonali dwar il-Veleni: 1774. Din il-linja tat-telefon dedikata hija mmexxija minn professjonisti fil-kura tas-saħħa mħarrġa biex jipprovdu assessjar tar-riskju immedjat, u pariri ċari u prattiċi biex jappoġġjaw l-immaniġġjar sikur ta' każijiet ta' avvelenament. Għall-membri tal-pubbliku, nimmiraw li noffru serħan il-moħħ, partikolarment f'espożizzjonijiet b'riskju baxx, niżguraw riferiment immedjat meta tkun meħtieġa kura medika, u nnaqqsu ż-żjarat bla bżonn fid-dipartiment tal-emerġenza, fejn xieraq.

Lil hinn mill-helpline, iċ-Ċentru jikkontribwixxi għall-edukazzjoni pubblika, it-taħriġ professjonali, it-tossikoviġilanza, u l-iżvilupp ta' gwidi kliniċi.

## L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Livell ta' servizz li wieħed jistenna meta jikkuntattja jew iżur l-Uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Aħna niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe skambju ta' informazzjoni.
- L-istandards tas-servizzi tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2, Standards għas-Servizz ta' Eċċellenza offrut mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Pubbliku u l-Impjegati Pubbliċi.
- Il-lista tas-servizzi offruti tinsab fil-ħolqa li ġejja: *https://mnpc.gov.mt/is-servizzi/*

## X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATTJANA

Nipprovdu informazzjoni speċifika, ċara, u ħielsa minn lingwaġġ tekniku. L-informazzjoni kollha tingħata kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Aħna nimpenjaw ruħna li nwieġbu l-mistoqsija tiegħek fi żmien jum 1 tax-xogħol, jew skont il-perjodi ta' żmien stipulati fid-Direttiva 4-2.

### Meta tikkuntattjana bit-telefon

Nimpenjaw ruħna li nwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefon, b'mod ċar u b'għarfien. L-uffiċjali ser jidentifikaw ruħhom u jittrattawk b'korteżija u rispett.

### Meta tikkuntattjana permezz ta' ittra jew email

Se nibagħtu konferma fi żmien 3 ijiem tax-xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek. Għalkemm naċċettaw komunikazzjoni permezz tal-email għal skopijiet operattivi u edukattivi, ma nipprovdux pariri dwar it-tossikoloġija jew l-avvelenament permezz tal-posta elettronika

## RESPONSABBILTAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: Jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw il-ħaddiema b'korteżija u rispett.

## AĦNA NIVVALUTAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tissottometti feedback, suġġerimenti, jew ilmenti ġentilment:

- Ikkuntattjana skont id-dettalji murija hawn: *mnpc@gov.mt*
- Permezz tas-servizz.gov billi ċċempel fuq 153, jew online fuq *Issotometi ilment*

Il-kunfidenzjalità tiegħek tkun garantita. Tirċievi l-feedback tagħna fi żmien 3 ijiem tax-xogħol.

## KIF TIKKUNTATTJANA

- Ċentru Nazzjonali tat-Tossikoloġija, Malta Life Sciences Park, San Ġwann SGN 3000 Malta
- Mit-Tnejn sal-Ħadd: 08:00-20:00
- *https://mnpc.gov.mt*
- Sabiex jiġi ffaċilitat il-kuntatt mal-uffiċċju: mnpc@gov.mt – Helpline: 1774
- Permezz tal-midja soċjali"